**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħamsa u tmenin (85) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn 30 ta' Ottubru 2017, fis-6.00pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
|---|---|---|
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Il-live streaming inxtgħel fis-6.25pm.

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, Dr Charlene Muscat li qalet it-talba.

**85.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Charlene Muscat qalet illi fiċ-ċirkustanzi li Michel Farrugia reġa' mhux jattendi, il-KLM għandu jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa li jmiss billi titpoġġa fuq l-agenda. Is-SE qal li kellmu u dan qallu li ma kienx jiflaħ. Is-Sindku qalet illi kellmitha Anita Farrugia li kien għadha ma daħlitx għal-laqgħa u din qaltilha li llum se tkun xi ftit tard.

**85.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tas-seduta preċedenti sarulhom dawn il-korrezzjonijiet u dawn kienu approvati u ffirmati wara li kienu proposti minn Paul Spiteri u sekondati minn Grace Marie Mallia. Dawn għaddew għal vot unanimament approvati u ffirmati.

84.03.06 Ġiet impoġġija 84.04.01 u żdiditilha din il-parti fil-bidu tas-sentenza: 'Għall-mistoqsija ta' Grace Marie Mallia dwar jekk għandniex risposta dwar il-ħofra fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, li ggravat wara l-ewwel xita...'

84.03.08 Ġiet impoġġija 84.03.07 u inqatgħet kollha minn 'Charlene Muscat sa Ministru tal-Edukazzjoni' u minflok tpoġġew il-kelmiet 'Grace Marie Mallia resqet suġġeriment li rċeviet mingħand resident dwar il-ħtieġa tal-Club 3-16. Is-Sindku semmiet illi wara komunika li kellha mal-Ministru Bonnici, jidher li hemm nuqqas ta' għalliema u jidher li dawn il-ġenituri ġew offruti sabiex uliedhom imorru fil-lokalita' taż-Żurrieq.'

84.03.10 Ġiet taqra 84.03.09 u wara s-sentenza li tispiċċa '...fost affarijiet oħra.' tpoġġiet is-sentenza 'Grace Marie Mallia talbet li tkun skużata kemm għal din il-laqgħa kif ukoll għal-laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici.'

Żdiedet is-sentenza
84.04.04 Grace Marie Mallia ipproponiet Buffet Breakfast għas-7 ta' Novembru fil-Lukanda San Antonio.

**85.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

85.03.01 Is-Sindku semmiet li s-serata ta' Ġieħ l-Imqabba u wkoll l-attivitajiet tal-każin ta' Sta Marija, fl-okkażjoni tat-tifkira tal-75 sena minn meta kien daħal il-Konvoj kienu tajbin ħafna. Hija qalet li bħala KLM kellna laqgħa mal-Banda 'La Forma' minn Serrone fl-Italja li minn naħa tagħhom stednuna sabiex nitilgħu hemmhekk u kien hemm skambju ta' *mememtos*. Grace Marie Mallia ipproponiet biex il-kunċert fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba jibda' jsir fis-7.15pm (seated) u nibdew fis-7.30pm. Kien hemm qbil ma' dan is-suġġeriment.

85.03.02 Dwar l-attivita' li saret fuq iz-zuntier tal-Knisja, il-kunsillieri qalu li din trid tkun kordinata aħjar.

85.03.03 Charlene Muscat qalet illi kellha proposta biex fi Triq Valletta fejn propju dan l-aħħar jiem *Transport Malta* waħħlet il-bollards mal-art, il-KLM iwaħħal il-cameras tas-sigurta'.

85.03.04 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li hemm skedata fit-3 ta' Novembru mal-Onor Herrera dwar il-barrieri. Dan is-suġġett jikkonċerna lill-KLM minħabba li l-aċċess għal dawn il-barrieri hu ferm ristrett minħabba t-toroq dojoq.

85.03.05 Dwar il-Kazin tal-Futbol is-Sindku qalet illi hija ċċekkjat u jirriżulta illi mhux suppost li ingħalaq l-aċċess kif ingħalaq dan l-aħħar bix-xibka. Is-SE kien mitlub sabiex jiktbilhom ħalli jerġgħu jiftħu dan l-aċċess.

85.03.06 Is-Sindku semmiet e-mail li għaddielha il-Perit William Lewis nhar it-23 t'Ottubru dwar il-proposta biex il-Pjazza tal-Knisja tkun tista' ssir parti minnha pedestrianzed. Kien hemm diskussjoni iżda madankollu l-KLM dwar dan il-master plan jaħseb illi rridu nagħmlu laqgħa mar-residenti għax hemm diversi toroq jew partijiet minnhom li ġejjin *one way*. Il-KLM esprima t-tħassib tiegħu dwar it-tnaqqis ta' parkeġġi man-naħa tal-każin tas-Soċjeta' Santa Marija, kif ukoll dwar is-sigurta' tal-pedestrians għax m'hemmx bankina viċin is-sagristija tal-knisja.

85.03.07 Charlene Muscat tkellmet dwar il-proposta Dar tal-Anzjani. Hija qalet illi dan kien ukoll wieħed mill-punti li tqanqlu fil-laqgħat li saru mal-Ministru Onor Owen Bonnici kif ukoll mal-Onor Julia Farrugia Portelli. Dwar dan il-każ, is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi r-residenti daħħlu oġġezzjoni ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba ż-żieda tat-traffiku, għaliex se tonqsilhom l-arja u għaliex iz-zona qatt ma kienet 'earmarked' għal Dar tal-Anzjani.

85.03.08 Is-Sindku infurmat lill-kunsillieri illi l-laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-knis tat-toroq urbani saret u matulha intqal illi dawn għandhom jaraw li tkun segwita rigorożament ir-rotta skedata.

85.03.09 Kien hemm reazzjoni negattiva għall-bankina proposta mill-KLM fi Triq tas-Sejba, peress li se jkollu jitneħħa ħafna mill-parkeġġ. Kien hemm suġġeriment minn Grace Marie Mallia sabiex tintbgħat ittra fid-djar kollha tal-parti residenzjali sabiex naraw il-maġġoranza tagħhom xi jridu.

85.03.10 Is-Sindku semmiet ix-xhieda li tat hi u s-SE fil-każ Schembri Barbros vs il-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Hawn is-SE ġie mitlub sabiex jipprepara id-dokumentazzjoni kollha f'dan ir-rigward biex jesebihom waqt dan l-arbitraġġ.

**85.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

85.04.02 Grace Marie Mallia infurmat lill-KLM illi d-data tal-Buffet Breakfast inbidlet u issa

l-KLM se jorganizzah fid-9 u mhux fis-7 ta' Novembru 2017, minħabba nuqqas ta' disponibilita' tal-lukanda.

Anita Farrugia daħlet fis-19.15pm.

**85.05 Xogħol fi Ġnien f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira;**

Dwar ix-xogħol propost għal Ġnien ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira Charlene Muscat qalet illi fil-25 ta' Novembru iż-żgħażagħ se jmorru jiltaqgħu mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport u jintroduċu l-proġett u fis-26 ta' Novembru se ssir l-ewwel *fund raising activity* fil-*basement* tal-iskola. Is-Sindku qalet illi l-istess żgħażagħ se jkunu provduti bi stand fil-villaġġ tal-Milied

**85.06 Attivitajiet tal-Milied;**

85.06.01 Il-KLM iddeċieda illi d-data tal-artikli tal-kunsillieri għall-fuljet ħarġa tal-Milied, għandhom jidħlu kollha sal-laqgħa li jmiss biex ikunu approvati.

85.06.02 Kien deċiż illi l-party tat-tfal isir nhar it-30 ta' Diċembru 2017 fil-basement tal-iskola primarja tal-Imqabba. Se jinxtraw il-ġugarelli bħas-soltu.

85.06.03 Kien deċiż illi l-party tal-għaqdiet isir nhar is-7 ta' Jannar 2018 u nibdew din l-attivita' b'quddiesa fil-Knisja Parrokkjali, mentri l-party jsir bħas-soltu fl-Isptar il-Qadim.

85.06.04 Il-KLM se jagħmel żjara lill-ħabsin fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u oħra fl-Isptar Monte Karmeli fejn hemm xi mqabbin rikoverati. Din se ssir nhar is-27 u t-28 ta' Deċembru 2017. Se ssir żjara oħra wkoll fir-residenza tal-anzjani San Vinċenz. Din kienet skedata għal nhar it-23 ta' Diċembru fid-9.00am. Se ssir żjara oħra lill-morda tal-parroċċa li huma rikoverati fi djarhom stess bil-għajnuna tal-Kappillan tar-raħal. Din hija skedata għad-29 ta' Diċembru filgħodu.

**85.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Kienu approvati l-pagamenti kollha minbarra l-items 25, 43, 45, u 51 taċ-Ċedola tal-pagamenti numru 538.

**85.07. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Se ssir laqgħa oħra tal-Kunsill nhar l-20 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fit-20.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 20/11/17 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Ezekuttiv Sindku